PDF Compressor Pro





*Waqt il-quddiesa konċelebrata fl-okkażjoni tal-ftuħ tas-Sena Soċjali 2009-10 tal-Azzjoni Kattolika*

# It-Tagħlim ta' Kristu jġeddidna

L-Assemblea tal-Ftuħ tas-Sena Soċjali 2009-10 tal-Azzjoni Kattolika li saret fid-Dar Ċentrali fir-Rabat, bil-motto "it-tagħlim ta' Kristu jġeddidna", b'riferenza anki tal-pjan pastorali djoċesan, trid tħeġġeġ lill-membri biex ma jehdew qatt ifittxu tagħlim ġenwin.

Wara l-Innu tal-Azzjoni Kattolika, l-Assistent Ekkleżjastiku Djoċesan Mons Karm Hili tkellem fuq San Ġwann Marija Vianney (fl-okkażjoni tas-Sena Saċerdotali) u mexxa t-Talb tal-bidu. Imbagħad kien imiss lill-President Djoċesan Manuel Saliba jagħmel diskors programmatiku. Qabel il-Quddiesa konċelebrata minn Mons Isqof Mario Grech u tnax-il Assistent ieħor, membri żgħar miċ-ċirkli ta' Kerċem, Għarb, Nadur u Xagħra kantaw "Ngħannu għanja ġdida" u "Ejjew tfal".



*Membri żgħar tal-Azzjoni Kattolika jkantaw "Ngħannu għanja ġdida" u "Ejjew tfal".*

Fl-Omelija tal-okkażjoni, Mons Isqof saħaq li mhux s-servizzi kollha li toffri l-ekonomija jaqdu bżonn leċitu. Iħallu anki effett negattiv. Allura neħtieġu kultura ta' qadi biex ngħarrfu l-bżonnijiet veri, f'sapport għal ħajja dinjituża verament umana. Ma nistgħux inwarrbu d-dimensjoni etika; nirsistu għal edukazzjoni fis-sens sħiħ tagħha. Dan żgur hu dmir tal-komunità nisranija; għaqda bħall-Azzjoni Kattolika trid toffri dak li verament għandha bżonn is-soċjetà, anki jekk forsi ftit iwieġbu għas-servizzi li toffri. Inkomplu fl-isforzi, anki biex il-Ħadd jibqa' l-jum li fih nippruvaw nikbru spiritwalment. Lanqas għandna nehdew nirriflettu fuq x'servizzi għandna noffru u kif ma nissodisfawx ruħna b'dak li għandna diġà'. Servizz essenzjali tal-Azzjoni Kattolika hu t-tagħlim, ibda mill-membri stess. "U min jaf kemm hawn jistennew stedina minn għandna biex japprofondixxu fit-tagħlim ta' Kristu!" Temm billi reġa' ħeġġeġ lill-ġemgħa miġbura għal mentalità ta' qadi.

Wara li l-President Djoċesan mexxa lill-membri li mlew is-sala fit-tiġdid tal-Wegħda tat-Tessera-ment, żewġ membri żgħażagħ qraw t-Talbiet.

Erba' membri rappreżentativi tal-fergħat mxerrda mad-djoċesi imbagħad wasslu l-offerti għas-sagrifiċċju. Dawk preżenti ġew mistiedna jgħaqqdu magħhom, flimkien ma' tant ħidma, l-intenzjonijiet għall-għaqda, għall-knisja u għas-soċjetà.

Wara t-tqarbin, Mons Isqof mexxa t-talba tal-Azzjoni Kattolika u Ġorġ Cassar (membru taċ-Ċirklu San Ġużepp tar-Rabat) ippreżentalu ktieb li għadu kemm ħareġ "Żmien il-Ħsad".

Wara l-Quddiesa, animata mill-grupp tal-kitarri mmexxi minn Bernardette Vella mill-Għarb, il-President Ġenerali uxxenti Joyce Pullicino introduċiet lis-suċċessur tagħha, Carmen Agius. Is-sinjura Agius, li kienet qed tmexxi delegazzjoni minn Malta spjegat min hi u xi pjanijiet għandha. Qalet li laqtuha t-temi ta' qadi u tagħlim. Hi ħeġġet lill-membri biex jirsistu fil-ħidma. U esprimiet is-sodisfazzjon li tara membri żgħar jagħtu sehemhom.



*Il-'Feature' Is-Siġra tal-Ħajja. Jidhru, Marija Abela mir-Rabat (xellug) u Ġuża Azzopardi mix-Xagħra*

Il-programm ta' sagħtejn kompla b'Feature miktub u prodott minn Ġanninu Cremona, Viċi President Djoċesan, "Is-Siġra tal-Ħajja". Ħadu sehem Joe M Attard, Ġuża Azzopardi, Ninu Azzopardi, Marija Abela, Salvu Cremona u Antoine Vassallo, flimkien mal-membri tal-familja Formosa minn Santa Luċija, li anki kellhom f'idejhom il-*powerpoint* presentation matul is-serata kollha.

L-attività għalqet bil-kant tal-Innu Malti. Nisrani sod hu żgur ċittadin tajjeb!



*Il-Quddiesa kienet animata mill-grupp tal-kitarri mmexxi minn Bernardette Vella mill-Għarb*

## AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





*Ġorġ Cassar jidher jippreżenta kopja tal-ktieb li għadu kemm ħareġ "Żmien il-Ħsad" lil Mons. Isqof Mario Grech*



*Uħud minn dawk preżenti għaċ-ċelebrazzjoni f'Ta' Pinu*

# Mandat ta' letturi, kanturi, animaturi u ostjarji

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, nhar is-Sibt 24 ta' Ottubru Mons Isqof Mario Grech mexxa quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu li fiha ta l-mandat lil diversi lajċi li jaqdu Ministeri liturġiċi u Ministeri marbuta mal-liturġija, bħalma huma letturi, kanturi, animaturi tal-quddies u ostjarji.

Din iċ-ċelebrazzjoni saret bħala konklużjoni tal-Ġimgħa ta' Formazzjoni Liturġika li organizzat il-Kummissjoni Liturġika bejn id-19 u it-23 ta' Ottubru. Madwar 120 persuna ħadu sehem f'din il-Ġimgħa ta' Formazzjoni li matulha, diversi saċerdoti esperti fil-Liturġija, taw serje ta' *lectures* dwar aspetti tal-Liturġija, tal-Ministeri liturġiċi, tal-kant, u tal-quddiesa.



*Mons. Isqof Mario Grech jagħti l-mandat lis-Superjura tal-Kunvent tas-Sorijiet Dumnikani fir-Rabat, Għawdex, Sr Serafina Attard*

**Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott -** *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott.
Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti
Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
**PO Box 330 Merrylands NSW 2160**
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
**Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.**

***Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna***

PDF Compressor Pro





Rhtmatic Dancers waqt iż-żifna tagħhom fil-GYM tas-Seminarju

# Maratona Sportiva

Fl-aħħar *weekend* ta' Ottubru, il-kumpless sportiv tas-Seminarju kien impenjat b'maratona sportiva ta' 36 siegħa.

'***Għin biex trebbaħna***' kien il-motto li ħeġġeġ tant żgħażagħ jieħdu sehem biex bil-ftit tagħhom jgħinu lis-seminarju.

Il-maratona fetħet il-Ġimgħa 23 ta' Ottubru b'song festival mqassam f'sitt kategoriji.

Il-maratona kompliet l-għada, is-Sibt, fit-tmienja ta' filgħodu meta grupp ta' atleti telqu mill-Mġarr b'ġirja bit-torċa f'idejhom lejn il-kumpless sportiv tas-Seminarju. Wara li nxtelgħet l-urna ġiet iċċelebrata quddiesa għall-atleti kollha.

Il-maratona kompliet b'diversi turnaments tal-futbol għal diversi gruppi. Mal-lejl ġew organizzati turnaments tal-Futbol u tal-*volleyball* għaż-żgħażagħ.

Fit-8.00 ta' filgħodu tal-Ħadd tkomplew turnamenti għal dawk ta' taħt is-17-il sena u dawk ta' fuq it-30. Wara nofs inhar saru l-*Basketball turnaments* għas-subien u għat-tfajliet u futbol għat-tfajliet. Ta' min isemmi li f'din il-maratona ħadu sehem madwar 1000 ruħ bejn atleti, kantanti u voluntiera.



Alessia waqt is-Song Festival



Helen Farrugia Ħal Qormi, Malta

Minbarra dawn l-attivitajiet sportivi, il-kumitat organizzattiv ħa ħsieb itella' tliet serati ta' spettaklu għall-familja kollha. L-ewwel serata ġiet organizzata l-Ġimgħa filgħaxija fejn ittela' *Song Festival* fejn ħadu sehem madwar 50 kantant u kantanta mqassma f'sitt kategoriji.

Fis-serata tas-Sibt ppreżentata minn Joe Louis Xiberras u Amanda Sultana, ġiet organizzata *Fashion show* spettakulari mill-*Arkadia shopping centre* b'ditti ta' *Piazza Italia*, *Urban jungle* u *Springfield*. Ħadu sehem diversi kantanti Maltin u Għawdxin fosthom il-*Waterfall Dancers* li taw wirja tal-*breakdance*, *Annette Mystic Dancers*, Audrey Bartolo, *Centre Stage* u oħrajn.

Is-serata finali ppreżentata minn Miriam Christine u Audrey Bartolo saret il-Ħadd filgħaxija fejn ħadu sehem Pamela u Glenn Vella u diversi gruppi taż-żeffiena Għawdxin.


## Kalendarji ta' Malta 2010




**Waslulna numru limitat ta' Kalendarji għas-sena 2010**
**b'veduti mill-isbaħ ta' Malta**
**Prezz $10 u jekk triduh impustat żidu $5**
**Ċemplu The Maltese Herald (02) 9637 9992**
**jew iktbu fl-indirizz P.O. Box 330 Merrylands NSW 2160**
**Iċ-Ċekk iktbuh f'isem Lino Vella**


## *Għawdex - b'kitba u ritratti ta' Charles Spiteri*



L-MS Rotterdam waqt il-waqfa tiegħu f'Għawdex sorġut barra l-port. Ħdejh jidher wieħed mill-vapuri tal-'Gozo Channel' li kien fi triqtu lejn il-Port taċ-Ċirkewwa

# Il-*Cruiseliner MS Rotterdam* jagħmel waqfa f'Għawdex

Il-*cruiseliner MS Rotterdam,* nhar l-Erbgħa 28 t'Ottubru, għamel waqfa ta' ġurnata f'Għawdex.

L-*MS Rotterdam* jagħmel parti mil-linja *Holland America Line* li l-aġenti tagħhom f'Malta huma rappreżentati mill-kumpanija *O.F. Gollcher & Sons Ltd.*

L-*MS Rotterdam* kien qed iġorr 1,256 passiġġier flimkien ma' 589 membru ta' l-ekwipaġġ. Dan huwa l-ikbar vapur ta' dan it-tip li s'issa qatt waqaf qrib il-Gżira ta' Għawdex. Il-vapur ankra ftit il-barra mill-Port ta' l-Mġarr.

L-attività fl-Mġarr ħadet xejra mhux tas-soltu hekk kif id-dgħajjes bdew iniżżlu l-passiġġieri l-art. Ix-xena kienet imżewqa b'daqq u żfin folkloristiku mill-grupp Menħir tal-Qala filwaqt li ġie offrut ikel tipiku u prodotti ta' ikel artiġjanali. Rappreżentanti tal-Awtoritá tat-Turiżmu (MTA) u l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu għal Għawdex (GTA) qassmu materjal promozzjonali u informattiv dwar il-Gżira ta' Għawdex.

Ħafna mill-passiġġieri ħadu numru ta' eskursjonijiet varji madwar il-Gżira ta' Għawdex, li kienu kordinati mill-kumpanija Mifsud Brothers. L-attivitajiet kienu jinkludu *jeep safaris*, żjajjar f'siti storiċi u mużewijiet, esperjenzi agroturistiċi f'inħawi agrikoli fejn it-turisti setgħu jkoll iduqu ikel, inbid u xorb magħmul mil-lumi u lariġ. Uħud għażlu li jżuru l-Gżira ta' Kemmuna u oħrajn ippreferew li jinżlu l-art u jesploraw il-gżira b'mod liberu. Ma naqsux żjajjar madwar il-kampanja u l-ambjenti rurali tal-gżira li f'dan iż-żmien partikolari tas-sena joffru dehra mill-isbaħ. Madwar 950 passiġġier li jammontaw għal 75% tal-passiġġieri fuq l-*MS Rotterdam*, niżlu l-art matul il-ġurnata.

Il-Kaptan Henrik Krombeen, ta merħba lil Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, fi żjara qasira li hija għamlet fuq l-*MS Rotterdam*. Preżenti kien hemm ukoll is-Sur Karl Gollcher, direttur maniġerjali tal-kumpanija Gollcher, l-aġenti tal-vapur. Il-Ministru Debono esprimiet is-sodisfazzjon tagħha u fissret l-impenn tal-Ministeru għal Għawdex biex ikabbar il-potenzjal ta' Għawdex fl-attrazzjoni ta' turiżmu mill-qasam tal-*cruiseliners*.

L-*MS Rotterdam* ħalla Għawdex għall-ħabta tas-6.00 p.m. fi triqtu lejn Messina.



Fashion Show - Josmar Saliba (xellug) mir-Rabat, Għawdex, waqt l-immudellar




Il-grupp ta' Monica Grima, min-Nadur - 'High Energy Dancers' li żifnu 'Can't get over'